# TRIBUNAL INDUSTRIJALI
# DEĊIŻJONI NRU 1707

Każ Nru 2289/FM

Fil-Kwistjoni tax-Xogħol

bejn

Emmanuel Bonello

u

TubeLine Ltd.

dwar tkeċċija mill-impieg
allegata li hi nġusta

Data: 21 ta' Ġunju 2006

**Chairman: Franco Masini**

**1. Introduzzjoni**

Dan il-każ ġie intavolat permezz ta' rikors tal-Avukatessa Lorraine Schembri Orland fl-1 ta' Ġunju 2005. Ir-rikors kien jirriferi għall-liċenzjament allegatament inġust tas-sur Emmanuel Bonello minn mas-soċjetà TubeLine Ltd fit-18 ta' Marzu 2005. Is-soċjetà appellata li kienet assistita mis-sur Michel Licari, Managing Director, assistit mill-Avukat Aaron Bugeja, innegat dan. Inżammu tmien seduti.

A tenur tal-Artikolu 78(1) tal-Kap 452 irid jingħad illi minħabba n-numru ta' xhieda, differimenti li ntalbu kif ukoll nuqqas ta' infrastruttura adegwata ma kienx possibbli li l-każ jinqata' fiż-żmien preskritt mill-istess liġi.

**2. Fatti tal-Każ**

L-Appellant jirritjeni li kien hemm perijodu li l-ħlas tal-bolli tan-*National Insurance* ma kienux tħallsu mill-prinċipal tiegħu għad li l-ammont relattiv kien dedott mis-salarju tiegħu. Jgħid li diversi drabi kien ġibed l-attenzjoni tas-sur Licari dwar dan. Iżda għad li s-sur Licari kien wiegħedu li kien se jirranġa dan qatt ma sar. Darba minnhom is-sur Licari qallu biex iġib il-karti li kellu biex jikkontrolla. Meta l-Appellant ġie lura mid-dar b'karta waħda inqalghet kwistjoni dwar il-pagamenti. L-Appellant beda jinsisti li ma kienitx imħallsa lilu l-paga ta' tliet xhur. Allegatament l-Appellant beda jgħolli leħnu u jinsisti li l-paga ma kienitx fil-fatt tħallset waqt li s-sur Licari qallu li dan mhux minnu u fil-fatt bagħat għall-*accounts manager* biex tagħtih spjegazzjoni. L-Appellant kompla jgħajjat u allegatament sar aggressiv b'mod li s-sur Licari illiċenzjah.

**3. Konsiderazzjonijiet**

Li ried jikkonsidra t-Tribunal huwa jekk l-Appellant kienx liċenzjat għal raġuni ġusta u suffiċjenti. Il-piż tal-prova jinkombi fuq il-Kumpanija Appellata. Ghad li l-Appellant kien impjegat mal-Kumpanija Appellata mill-1993 jirriżulta li għal diversi perijodi sa l-2005 il-prinċipal tiegħu tbiddel diversi drabi. Dana peress illi minn Awwissu tal-1997 sa Diċembru 2001 huwa kien impjegat ma' priċipali oħra. Ir-raġuni kienet illi minħabba li n-natura tax-xogħol li kien jagħmel it-TubeLine kien jirrikjedi li jkollu liċenza ta' burdnar li fill-fatt ma kellux. Peress illi l-Appellant kien jagħmel xogħol siewi u TubeLine riedu jżommuh impjegat magħhom għamlu arranġament ma' burdnara li l-Appellant ikun reġistrat bħala impjegat tagħhom bil-paga titħallas minn TubeLine. Dan l-arranġament anormali kellu diversi effetti. Dan kien ifisser illi l-impieg ta' l-Appellant ġie teknikament mibdul diversi drabi. Kien ukoll il-kawża li tat lok lill-inċident li rriżulta fil-liċenzjament tiegħu. Jirriżulta li l-Appellant innota li kien hemm xi kontribuzzjonijiet tan-*National Insurance* li ma kienux imħallsin. Huwa kien jinsisti ma' l-employer tiegħu biex dawn jiġu regolarizzati. Is-sur Licari kien jgħidlu li hekk hemm bżonn imorru flimkien fl-uffiċċji tal-Gvern biex jikkontrollaw x'hemm nieqes. Jirriżulta li l-pagamenti fil-fatt kienu saru minn TubeLine lil Vincent Aquilina, il-burdnar li kien impjegat miegħu l-Appellant dak iż-żmien, għad li jidher li dan seta' ma ħallashomx lid-Dipartiment tas-Servizzi Soċjali. Huwa lampanti l-fatt li għad li kien hemm kuntatt kontinwi bejn l-Appellant u s-sur Licari ma kienx hemm komunikazzjoni ċara bejniethom. Dwar in-nuqqas ta' ħlas ta' tliet pagi hemm ukoll nuqqas ta' ċarezza. L-Appellant jgħid li r-riferenza tiegħu għat tliet pagi neqsin kienet dwar *notice* dovuta lilu wara li ġie liċenzjat. Dana kien kontradett mill-*Accounts Manager*, Lorraine Scicluna, li qalet li meta kien qed jitlewwem fuq it-tliet pagi kien għadu ma ġiex liċenzjat u għalhekk ma setax jirreferi għan-*notice* (seduta 27.7.05 fol. 82 et seq).

Peress li ssemmgħu ħafna drabi l-*warnings* it-Tribunal irid itenni għal darb'oħra illi l-*warnings* għad li huma ta' importanza, *molto piu'* jekk huma bil-miktub, ma humiex mandatorji. Hemm każi fejn l-infrazzjoni tkun tali li mhux neċessarju ikun hemm twissija. Eżempju ta' dan huwa l-inċident fil-każ in eżami fejn l-Appellant irraporta għax-xogħol fi stat ta' sakra u fil-fatt instagħab rieqed fuq il-post tax-xogħol *ex admissis* (seduta tat-8 ta' Marzu 2006 fol. 17). Naturalment anke l-inċident fl-uffiċju tas-Sur Licari li rriżulta fil-liċenzjament tal-Appellant kien l-kolmo li wassal biex jittieħed il-pass estrem ta' tkeċċija u ma setax ikun soġġett għal twissija. Irid jingħad ukoll illi t-twissijiet li ingħataw lill-Appellant waqt il-ħajja lavorattiva tiegħu kienu iktar fin-natura ta' pariri mill-*warnings* kif suppost ikunu. Dana ġie ammess minn ħafna xhieda. Iżda l-fatt li ħaddiem jikkommetti ripetutament infrazjonijiet li ma jiġux mogħtija *warnings* għalihom ma jiġġustifikawhx li jibqa jirrepetihom. Hekk per eżempju l-każi tal-visti tat-tabib fejn irriżulta kemm il-darba abbuż tas-*sick leave*.

L-infrazzjonijiet ta' l-Appellant kellhom effett kumulattiv li rrenda l-liċenzjament tiegħu inevitabbli bl-aġir arroganti finali tiegħu.

## 4. Deċiżjoni

It-Tribunal Industrijali jiddeċidi li t-tkeċċija tal-Appellant Emmanuel Bonello minn mal-Kumpanija Appellata, TubeLine Ltd kienet għal raġuni ġusta u suffiċjenti.

B'hekk jintemm dan il-każ.

## 5. Rakkomandazzjoni

It-Tribunal mhux se jagħti ġudizzju fuq il-ħlas tal-kontribuzzjonijiet li ma tħallsux. Dana għaliex jidher li l-Appellant mhux se jkollu xi benefiċċju affettwat kif xhed is-sur Adrian Attard, uffiċjal tad-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali, fis-seduta tal-1 ta' Frar 2006 (fol 9) fejn qal testwalment illi "Meta jkun hemm xi bolol dovuti l-impjegat ma jsofri l-ebda żvantaġġ". Jidher ukoll illi Vincent Aquilina li miegħu kien impjegat l-Appellant meta l-kontribuzzjonijiet ma tħallsux stqarr li kien lest iħallas (fol.53 ta' l-istess seduta).

Għaldaqstant it-Tribunal qed jagħmel rakkomandazzjoni lill-Kumpanija Appellata biex tirranġa ma' Vincent Aquilina biex dan iħallas minnufih il-kontribuzzjonijiet dovuti u meta dan isir l-Appellant, anke tramite l-Avukatessa tiegħu, ikun infurmat biex iserraħ rasu.

## 6. Drittijiet

Għall-iskop tal-Avviż Legali Numru 48 tal-1986 it-Tribunal jillikwida d-drittijiet ta' min assista lill-partijiet fl-ammont ta' LM40 kull wieħed.

Franco Masini
Chairman

Mary Rose Galea
A/Segretarja